**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 565/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ingrid Xuereb**

**Illum, 21 ta' Novembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Ingrid Xuereb** detenur tal-karta tal-identita Maltija **453575M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-30 ta' Dicembru 2019 ghal habta ta' 22.45 u fil-hinijiet ta' qabel gewwa Triq il-Gizwiti, Naxxar:-

1. Bhala persuna volontarjament kisret il-paci pubbliku u l-bon ordni b'ghajjat u storbju u jew b'mod iehor;

2. Bla hsieb li tisraq izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandha gieghlet bl-awtorita taghha nnifisha lil xi hadd ihallas dejn jew jezegwixxi xi obligazzjoni tkun li tkun jew fixklet fil-pussess tal-kwerelant u dana bi ksur tal-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Ikkagunat griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Pierre Xuereb skond ma' ccertifikat Dott. Sephora Santucci Meg Reg 4291;

4. Ikkagunat biza li ser tintuza vjolenza kontra zewgha Peter Xuereb jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-persuna jew kontra l-propjeta ta' xi hadd minn l-axxendenti jew dixxendenti tal- imsemmija persuna, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl- artikolu 222[1] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Hebbet kontra zewgha Peter Xuereb sabiex tingurjah, iddejqu jew taghmel hsara lill-imsemmija persuna;

6. Insulentat jew hedded lil zewgha Peter Xuereb jekk kienet pprovokata, ingurjat, b'mod li harget barra mill-limiti tal- provokazzjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Gunju, 2024, fejn sabet lill-imputata Ingrid Xuereb mhux hatja tal-ewwel, tar-raba' u tas-sitt imputazzjonijiet kontra tagħha fejn konsegwentement lliberata minn kull ħtija u piena minnhom izda sabet lill-imputata Ingrid Xuereb hatja tat-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet fejn konsegwentement kkundannat lill-istess Ingrid Xuereb ghal tlett xhur priġunerija illi ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta gew sospiżi għall-perijodu ta' tnax-il xahar mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Ingrid Xuereb preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Lulju,2024, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex togħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tikkonferma f'dik il-parti fejn l-esponenti giet lliberata u thassarha u tirrevoka fejn instabet htija billi tillibera lill-esponenti minn kull akkuza dedotta kontra taghha

**Illi l-aggravji huma ċari u manifesti;**

1. Illi jidher li l-Qorti tat importanza lil filmati u jew 'stills' esebiti f'dawn l- atti meta dawn anqas biss gew kkonfermati minn min ittiehdu u ghar minn hekk meta l-esponenti spjegat, li dawn il-filmati/stills kienu manipulati mill-*parte civile* bi ftehim ma' uliedu sabiex jintwera falzament li l-esponenti kienet l-aggressur f'dan il-kaz meta fil-fatt hi kienet l-vittma. Illi l-esponenti tirrritjeni li hija kellha tigi mehlusa mit- tielet u l-hames akkuza u dana peress li effettivament dak li ghamlet hi kien biss reazzjoni ghas-swat li qalghet minghand zewgha li b'rabbja kbira prova quddiem uliedu jitfa' l-barra lill-esponenti mid-dar matrimonjali bid-daqqiet ta' ponn go rasha. Illi l-appellanti tosserva li l-Ewwel Qorti kienet verament insensittiva li sabet htija fl- esponenti meta 'n effetti hi kienet vittma msawta u li qalghet xeba minn zewgha. Illi jidher li l-manipulazzjoni u r-recti grossolani svijjaw lill-Ewwel Qorti li tat affidibilita ghax-xhieda tal-*parte civile*, meta bid- dovut rispett dan kien il-persuna li orkestra dan l-incident mill-bidu sal-ahhar bit-tama li l-esponenti tallontana mid-dar matrimonjali minhabba biza u minhabba kawtela minn naha taghha biex ma' tibqax tigi msawta. Illi ghalhekk inbubbjament li hi kellha tigi lliberata mit-tielet u l-hames akkuza;

2. Illi l-istess jinghad ghat-tieni akkuza ta' '*pretended right*'. L-ewwel Qorti ssemmiet xi gurisprudenza li tissemma habitwalment f'kazijiet bhal dawn dwar l-argument tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u l- kwistjoni ta' ko-propjeta ta' effetti mobbli li jkunu jappartjenu lil konjugi. B'rispett il-kwistjoni f'dan il-kaz ma' hijiex dik. Illi l-esponenti jirreferi ghall-fatti li rrizultaw fejn il-*parte civile* waqt glieda ha l-mobile tal-esponenti u hi, anke hawn b'ritaljazzjoni u dak il-hin fis-sahna tal- mument hadet il-mobile ta' zewgha. Illi tant kienu qed jigru affarijiet f'dana l-incident fil-mument li b'rabbja l-esponenti hadet ic-cellulari ta' zewgha, li l-esponenti tqis li zgur li hija ma' kellha ebda intenzjoni li tikkommetti r-reat kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap 9. Illi l-esponenti instintivament hadet il-mobile ta' zewgha ghaliex hu kien ha taghha. Illi

jidher li f'dan l-incident sfortunat u li beda mir-ragel l-esponenti dak il- hin l-intenzjoni taghha kienet li tehodlu l-mobile ghaliex hu ha taghha u mhux li tissodisfa l-elementi mehtiega sabiex jirnexxi r-reat kontemplat fit-tieni akkuza. Illi stabbilit li l-esponenti ma' kellha intenzjoni qatt tagħmel dak li hi akkuzata bih, l-Qorti ghandha anke minn dina l-akkuza tillibera lill-esponenti;

3. Finalment u bla pregudizzju l-piena erogata hi totalment esegerata. Illi li l-esponenti tigi kkundannata habs, [anke jekk sospiz] fuq incident li fih hi kull ma' ghamlet kien li rritaljat ghal azzjoni kattiva ta' zewgha hija totalment barra minn lokha. Illi dan ma' kienx kaz fejn l-esponenti kellha tigi kkundannata prigunerija, u dana ghaliex kif spjegat l- esponenti kull ma' ghamlet kien li pruvat li tilqa' ghad-daqqiet ta' zewgha u rribellat milli hi tispicca mkeccija l-barra bid-daqqiet li qalghet minghand ir-ragel taghha. Illi l-esponenti tqis li minn dawn l- akkuzi kellha tkun illiberata u mhux misjuba hatja u imbaghad ghar minn hekk li tkun ikkundannata habs sospiz. Illi din il-piena skond 1- esponenti verament ma' tirriflettix dak li sehh dakinhar tal-incident u ghalhekk anke jekk tinstab xi htija l-piena erogata ghandha tkun mibdula;

Rat l-atti kollha kompilatai u l-provi imresqa.

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti.

**Ikkunsidrat,**

Illi qabel ma din il-Qorti tkun tista titratta mar-rikors tal-appell tal-appellanta u l-aggravji sollevati minnha trid tezamina b'kircospezzjoni l-povi prodotti u l-animu li kien hemm bejn il-kontendenti stante li din hija kawza ta' allegat vjolenza domestika bejn konjugi u ghalhekk din il-Qorti ghandha tkun aktar kawta u sensittiva fl-apprezzament li taghmel konsiderando anke minhabba l-kwistjoni ta ' kif jinhargu *risk assessments* fuq is-smiegh ta' parti wahda u cioe l-kwerelanti biss.

Rat l-affidavit ta' **PS 950 Alan Buhagiar** fejn xehed dwar l-incident li sehh nhar it-12 ta' Jannar, 2020 ghal habta tat-19.50 meta dahlet l-ghassa certu Ingrid Xuereb fejn stqarret li aktar kmieni kienet marret id-dar matrimonjali taghha ghall-habta tas-2.30 p.m u cioe fil-fond 6, Triq il-Gizwiti ,Naxxar sabiex tiehu xi affarijiet personali taghha peress li zewgha keccieha minn hemm. Dan l-incident m'ghandux x'jaqsam mal-akkuzi moghtija f'din ic-citazzjoni u ghalhekk din il- orti ma hiex ser taghmel referenza ghal tali xhieda.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2020 li Dr Alfred Abela ghall-kwerelanti pprezenta USB footage li gie mmarkat bhala Dok AMG1 u gie inserit fil-kaz numru 5 fuq il-lista ta' dakinhar li ma kienx il-kaz in desamina li kien l-kaz numru 8. Mhux hekk izda fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2023 Dr Frank Tabone ghal kwerelanti stqarr li l-pen drive mmarkat bhala dok AMG1 esebit fl-atti ma kellux jigi esebit f'dawn l-atti izda f'atti ohra li jirrlataw ghall-incident li allegatament sehh nhar it-30 ta' Dicembru 2019 fir-rigward ta' Peter Xuereb u Ingrid Xuereb u cioe din odjerna.

Rat pero dak li gie verbalizzat u ordnat mill-Qorti fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020 u cioe l-provi u x-xhieda li kienu ser jinstemghu huma validi ghal kawzi kollha bejn il-partijiet fuq l-lista ta' dakinhar.

Il-Qorti rat *ir-risk assessment* li gie mmarkat bhala Dok JP1[1]u l- NPS report mmarkat Dok JP[2] li gew prezentati waqt is-seduta tat-22 ta' Gunju, 2022.

Rat l-affidavit ta' **PS 690 James Magro** pprezentat fl-atti u mmarkat bhala Dok JP2[3] li jikkoncerna proprju l-allegat incident li sehh nhar it-30 ta' Dicembru 2019. Jghid li kien gie infurmat mill-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar li kien hemm xi argument familjari gewwa residenza '6 Arjuza, Triq il Gizwiti, Naxxar' u dan wara li kienu diga

[1] Fol- 55 tal-atti
[2] Fol- 51 tal-atti
[3] Fp;. 71 tal-atti

kelmuhom il-pulizija fir-rigward ta' rapport iehor fuq *pretended rights*. Jghid li kien cempel Peter Xuereb biex jirraporta dak li kien ghaddej. Fuq dan ir-rapport huwa rrikorra fuq il-post fejn kien hemm il-pulizija tan-Naxxar u bdew ikellmu lin-nies relatati.

L-ewwel ma giet mitkellma hi Ingrid Xuereb fejn din stqarret li aktar kmieni kien dahal isabbat zewghha Peter Xureb u nqala argument u hadilha l-mowbajl u iktar tard irrikoriet u ghamlet rapport fir-rigward ta' dan. Hija stqarret li wara li kienu kellmhuom l-ghassa kienu d-dar fejn Peter kellu senduq f'idu u hi stqarret li qaltlu ' *na ngarahielek*' u kif ukoll sqarret li qaltlu '*naf naghmel bhalek*'. Ingrid stqarret li Peter beda jghidilha sabiex tohrog il-barra u kien beda jimbuttaha lejn il-bieb. Stqarret li bdiet tistaqsih ghal mowbajl fejn hu beda jghidilha li ma kienx ser itihulha u li kien ser jghaddihula l-avukat tieghu. Hija stqarret li kellha cavetta f'idha fejn girfitu biha. Qalet li anke uliedha bdew ituha bil-*cushion* u qalulha li jekk hija temmen hekk sabiex titlaq ' barra. Dan fir-rigward fejn hija tisuspetta li hu qed imur ma nisa ohra.

Stqarret li kienet sejra tghix ghand ommha fir-resdenza '29, Inez Soler Street, Santa Lucija'. Stqarret li ma kellhiex griehi u ma kellhiex bzonn assistenza medika. Meta mistoqsija qalet li bhala theddid u insulti ma kienx hemm. Li beda jghidilha sabiex tohrog 'l barra u ma kienx hemm iktar. Ikkonfermat li ma tahiex daqqiet ghax kieku ghandha griehi sew.

Fuq il-post Ingrid hadet l-mowbajl ta' Peter fejn stqarret li ser izzomm lilu peress li Peter ha l-mowbajl taghha. Gie spjegat lil pulizija li huma ghaddejjin bil-proceduri ghas-separazzjoni fejn bhalissa ghaddejjin bil-medjazzjoni.

Wara gie mitkellem Peter Xuereb fejn minn naha tieghu stqarr li aktar kmieni mar lura d-dar u sar jaf li martu ghamlet 'l fuq minn €17,000 dejn sabiex tqabbad *private investigator* fuqu. Stqarr li kellha l-mowbajl u ghalhekk hadulha. Huwa stqarr li kellhom argument u fejn marret l-ghassa taghmel rapport fir-rigward tal-mowbajl. Stqarr li wara li rritorna lura mill-ghassa Ingrid qabdet ittih bic-cavetta fejn girfitlu zaqqu. Qal li bdiet issabbat ukoll u wara cemplu lill-pulizija.

Ta' min isemmi li dan kien sar fil-presenza taz-zewgt itfal taghhom li ghandhom erbatax u tnax-il sena.

L-Ispettura tal-ghassa C. Delia giet infurmata b'dan fejn gew infurmati tar-risk assessment.

L-ghassa tan- Naxxar irrikorrew Vincienne Vella u Llona Micallef Deguara mit-taqsima Risk Assessment fejn ghamlu dan l-assessment kemm fuq Ingrid Xuereb kif ukoll fuq Peter Xuereb fejn it-tnejn irrizultaw li kienu medium (12) risk.

Ghalhekk kienu ser jinhargu akkuzi fil-konfront tat-tnejn li huma.

Nhar il-31 ta' Dicembru 2019 Peter Xuereb pproduca certifikat mediku mahrug minn Dr Sephora Santuxxi tal-klinika Mosta fejn iccertifikat li Peter kien qed isofi minn xi griehi ta' natura hafifa kif deskritti fic-certifikat medikiu rilaxxjat minnnha.

Rat ic-certifikat mediku esebit fl-atti a fol. 179 rilaxxjat minn Dr Sephora Santuxxi li huwa datat 31 ta' Dicembru 2019 fejn hemm deskritti l-feriti li ssubixxa Peter Xuereb li gew deskritti bhala ta' natura hafifa. Rat li dan ic-certifikat gie konfermat fl-affidavit ta' **Dr Sephona Santucci** meta kkonfermat l-ezami mediku li ghamlet fuq Peter Xuereb nhar il-3 ta' Dicembru 2019.

Rat ix-xhieda ta' **Victor Xuereb** u jghid li darba minnhom kien presenti fil-bidu ta' Jannar, 2020 meta kien fil-presenza ta' huh Pierre Xuereb u dan lil martu Ingrid Xuereb diehla fid-dar matrimonjali taghhom meta kienet gja telqet milli tirrisjedi hemm . Pero dan l-incident m'ghandux x'jaqsam mal-incident tat-30 ta' Dicembru 2019 li hija hija akkuzata l-appellanti u ghalhekk tali xhieda ser tigi skartata.

Rat ix-xhieda ta' **Peter Xuereb** moghtija nhar id-9 ta' Marzu 2023 u jghid li nhar it-30 ta' Dicembru 2019 mar id-dar matrimonjali u telgha fuq u beda jargumenta mal-mara l-appellanti. Qamet ghalih qabditu minn grizmejh u bdiet timbuttah it-tarag. Nizlu it-tfal jghajtu u jwerzqu wara xulxin u ghamlu sfrattarija shiha. Qal li it-tifla gibdet video waqt li kienu qed jiggieldu u dan minn rajha dak il-hin stess. Jghid li martu tatu daqqa

cavetta fuq zaqqu li jidhru fil-filmat. Marru l-pulizija tal-ALE u lanqas ma rnexxilhom iferrquha sahansitra jghid li fil-filmat hemm illi wahda mis-surgenta minn Naxxar lanqas setghet tferraqha. Kienet diehla u hierega d-dar u it-tfal bdew jghidulu biex ikecciha ʻl kemm. Jghid li anke qabdet lil Eliza u gibditha minn xagharha u sabtitha ma l-art. Jghid li dakinhar qabdet tati fuqu u din ma kientix l-ewwel darba. Jghid li din il-mara hija abbusiva.

Dwar l-incident jghid li beda jimbuttaha biex ma tergax tidhol god-dar. Qal li ma kienitx fʼpozizzjoni li tghix maghhom u ghamel dak li ghamel biex jissalvagwardja lill-uliedu mill-aggresjoni taghha. Qalli ma kienx hu li kecciha ʻl barra izda kienet hi li telqet tant li ghamel sena jigri wara bit-tama li jirrikonciljaw bejniethom. Ix-xhud esebixxa l-iscreenshots mehuda mill-filmat. Jghid li kienu l-pulizija li keccewha barra mid-dar ghaliex ma kienitx fʼposizzjoni li tghix ma uliedha u dan ghaliex ghamlet ghalih quddiem il-pulizija.

Rat ix-xhieda tal-appellanti moghtija minn jedda nhar it-22 taʼ Gunju 2022 fejn spejgat fid-dettal numru taʼ incidenti li kellha maʼ zewghha li mʼhumiex relevanti ghal kawza odjerna u ghalhekk din il-Qorti ma hiex ser tati kazhom. Dwar l-incident tat-30 taʼ Dicembru tghid li Peter ghandu karattru ʻ*out of control*ʼ hafna. Tiftakar li kien irrabjat hafna meta dahal id-dar u ried jaghmel affarijiet bʼtali mod illi tidher l-aggressura. It-tfal kienu jkunu prezenti. Dakinhar taf li hadilha l-mowbajl u ghamel idejh ma ghonqa. Tghid li qabad is-senduq tal-kamra tas-sodda u qallha ʻghax ingarahulekʼ. Tghid li dakinhar kien bi hsiebha tmur ghand ommha sakemm l-affarijiet jikkalmaw xi ftit. Tghid li zewgha kien vjolenti hafna maghha u bdiet tibza minnu. Tiftakar li dak il-lejl kellha hafna soghla u riedet tmur id-dar ghal medicina u marret ghaliha u zewghha ma riedx jifthielha. Kull meta ipprovat tidhol gwwa d-dar beda jimbottahha ʻl barra ghal gol-parapett izda imbuttaha bis-salvagg u bʼtali mod sabiex iweggahha. Tghid li dak iz-zmien gja kellhom il-problemi bejneithom.

Qalet li dakinhar Peter bis-sahha tat-tfal gibed video taghhom jiggieldu. Ovvjament qata l-bicciet tieghu li kienu sfavurih u zamm dawk li forsi dehret tirritalja kontra

tieghu biex tiddefendi ruhha. Hin minnhom waqqaghha fuq is-sufan u zammilha idejha hekk taparsi l-aggressura ara kemm hu wise u qallha 'ikkalma ikkalma'.

Tghid li huma ghandhom xi hames targiet ghal parapet u kien il-hin kollu jimbottaha 'l isfel biex ma tidholx lura fid-dar. Qallha li hemmhekk tieghu sabiex titlaq 'l barra. Tghid li vera l-post kien tieghu pero kien ukoll id-dar matrimonjali Mistoqsi jekk kellhiex xi ferita meta allegatament zewghha qabadha minn ghonqa tghid li bdiet tiggranfa mal-hasira.

Mistoqsi min kien qed jigbed il-video tghid li kienu uliedha.

Mistoqsija jekk marritx lura d-dar minghand ommha tghid li iva izda qalet lil bintha li missierha kien dahaq biha u bintha Eliza qaltilha ' Ma jekk dahaq bik aqbad u itlaq 'l hemm'. Tghid li bintha dak iz-zmien kellha hmistax-il sena.

Qalet li zewghha beda jkun vjolenti meta ma setax ikollu iktar kontrol fuqha u fuq is-sitwazzjoni ghax irribellat. Ma qaditx ghall-affarijiet li hu kien qed jaghmel lilha u ghalhekk fethet il-kawza ghas-separazzjoni.

Mistoqsija x'kienet taghmel bhala xoghol tghid li kient tahdem bhala clerk mal-HSBC izda kella titlaq ghax ma sabitx support minghand zewghha. Wara ghamlet zmien tahdem bhala teacher mal-Gvern. Kellha relazzjoni tajba mat-tfal ta' l-iskola tant li ma xtaqux titlaq izda kellha tirrizenja ghax il-kuntratt taghha kien wiehed definit sakemm tidhol mara ohra mill-maternity. Ma kientix teacher iggradwata izda kemm timla l-vojt.

**Ikkunsidrat**.

Fl-ewwel aggravju l-appellant tghid li l-ewwel Qorti ma setghetx tati widen il-filmat u stills li gew esebiti fl-atti u dan ghaliex l-awtur taghhom u cioe l-persuna li gibdithom qatt ma telghet tixhed u tikkonferma l-veracita taghhom u li gew mehuda minnhom fit-tali jum u fit-tali hin u li kien qed jgharaf lill-akkuzata bhala l-persuna li tidher fil-filmat.

Din il-Qorti sejra tibda billi tikkunsidra x'inhi 'real evidence.' Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il**-Pulizija Spettur Trevor Micallef Vs Moumen Troure'12**, dik il-Qorti kienet ghamlet referenza ghal diversi awturi rigwardanti dak li jikkostitwixxi '*real evidence*'. Fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li: 'L-awtur **Murphy**, imbaghad fil-ktieb tieghu '**A Practical Approach to Evidence'** (3rd Ed) jaghti dina id-definizzjoni ta' '*Real evidence*' (fol. 7):

*'A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. ... 'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.*

Ikompli:

*'The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg* ***'R v Dodson; R v Williams*** *[1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'.'*

L-istess sentenza kkunsidrat li:

*'Illi l-ewwel gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti iqanqal kwistjoni dwar l-ammissibbilita tal-prova maghmula mill-prosekuzzjoni permezz ta' filmati mehuda minn*

*CCTV camera installat fil-post fejn sehhew l-atti inkriminatorji allegatment kommessi mill appellanti. Issa meta il-Qorti tqies illi prova hija inammissibbli u ghalhekk tiskartaha, dik il prova trid tkun tali illi tippresupponi xi disposizzjoni tal- ligi li teskludieha milli tingieb 'il quddiem fil-process. Illi allura il-Qorti trid timxi b'cirkospezzjoni kbira sabiex tqies jekk il prova li l-akkuzat qed ifittex li ixejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-valur probatorju u l-ammissibbilita taghha.*' *(Sottolinear mizjud minn din il-Qorti)*

'Illi fil-ktieb tieghu **Cross, On Evidence** (6 th edition) l-awtur jaghti definizzjoni ta' dak imsejjah bhala *real evidence:*

*'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ... Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers the production of material objects for inspection by the judge or jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.*

Cross imbaghad jghaddi sabiex jaghti diversi ezempji ta' dak illi jikkostitwixxi "*real evidence*" u fost dawn l-ezempji huwa jinkludi automatic recordings u ighid:

*'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video- tape and computer output. In all of these cases the evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'.*

Illi f'dan il-kaz ghandha l-appellanti li qed tghid li l-filmat esebit ma hux wiehed integru u dan ghaliex hemm bicciet neqsin mill-argument ta' bejnha u bejn zewghha u li in effetti it-tfal li gibdu l-filmat ma kienux lejali ghal dak li gara u gibdu biss dak li kien favur missierhom. Il-Qorti ma setghetx tikkontrolla l-veracita o meno ta' dan il-filmat fuq l-USB u dan ghaliex l-awtur tieghu ma giex imressaq il-Qorti jixhed f''dawn il-proceduri u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti dan id-dokument u cioe l-USB ma hux prova ammissibli u konsegwentement kuntrarjament ghal dak li ghamlet l-ewwel

Qorti ma hiex ser tiehu konsiderazzjoniet tieghu u lanqas tal-istills li gew mnizzla minnu.

Din il-Qorti ghalhekk ser taghmel il-gudizzju taghha a bazi tax-xhieda ordinarja li instemghu quddiem l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti sabet lill-appellanti hati ta' tlett akkuzi u cioe it-tieni akkuza, it-tielet akkuza u l-hames akkuza u ghalhekk din il-Qorti serjra tikkunsidrahhom b'mod separat u distint.

Fl-ewwel lok l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' raggion fattasi u dan ghaliex kif stqarret hi stess kienet hadet il-mowbajl ta' zewghha u dan ghaliex hu kien ha taghha.

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **<u>Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et</u>**.[4] u dawn jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna.
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt ;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi .

Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju.

Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet.

L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha. <u>Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu</u>.

[4] App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768

Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jipprova lit-terz , jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-**CARRARA** [5]:- [emfazi tal-Qorti]

*"L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode . Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia ; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" , il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale .*

Ghalhekk fuq skorta ta' din il-gurisprudenza kif ukoll tenut kont tar-rizultanzi processwali, il-tieni imputazzjoni, giet soddisfacentement ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi u dan peress li l-parte civile kellh l-pusses tal-mowbajl u cioe l-pussess effettiv tieghu u ghalhekk l-appellanti ma kellha l-ebda dritt tiehu dan il-mowbajl kif mistqarr minnha fix-xhieda taghha u konsegwentement l-ewwel qorti kellha ragun fil-gudizzju taghha.

Fit-tieni lok l-appellanta instabet hatja tat-tielet akkuza u cioe talli kkagunat griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Peter Xuereb skond ma' ccertifikat Dott. Sephora Santucci. Illi skond ix-xhieda ta' Peter Xuereb l-appellanti girfitu bic-cavtta fuq zaqqu waqt li Peter jghid li tatu daqqa fuq zaqqu bic-cavetta. Illi minn ezami ta' dan ic-certifikat mediku ma jirrizultax li kien hemm xi griehi fuq zaqqu izda l-allegati griehi jinsabu fuq partijiet ohra tal-gisem u fix-xhieda mismugha ma jirrizultax li kienet l-appellanti li kkagunathom. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib lill-appellanti talli kkagunat feriti ta' natura hafifa fuq Peter Xuereb meta l-ferita li suppost li kkagunat fuq zaqqu ma hiex deskritta mit-tabib fic-certifikat mediku tieghu u ghalhekk fil-fhema ta' din l-Onorabbli Qorti kuntrarjament ghal fehma tal-ewwel Qorti li din l-akkuza ma gietx pruovata bl-ahajr mod u ghalhekk qed tilliberaha minnha.

Fit-tielet lok instabet hatja tal-hames akkuza u cioe tall-hebbet kontra zewgha Peter Xuereb sabiex tingurjah, iddejqu jew taghmel hsara lill-imsemmija persuna;

Issa, fl-Appell Kriminali **<u>Il-Pulizija v. Joseph Pace</u>** deciz fid-9 ta' Mejju 1997 intqal:

[5] Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850

*"L-ewwel Qorti rravvizat fl-ghemil ta' l-appellant ilkontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Din il-kontravvenzjoni kontra lpersuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Biex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra.*

*Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': '… attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …' (enfasi mizjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiziku multo magis wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi."*

Il-Qorti semghet lill-partijiet u cioe l-appellanti kif ukoll il-kwerelanti u t-tnejn qablu li bdew jimbottaw lil xulxin. M'hemmx dubbju li bl-agir taghha meta mbuttat lil zewgha Pierre din kienet qed taghmel proprju dak li jiddisponi il-ligi u cioe li thebb kontra zewghha u ghalhekk din l-akkuzat tirrizulta provata ukoll.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonferma l-htija misjuba mill-ewwel Qorti fir-rigward it-tieni u hames akkuza izda qed tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitha hatja tat-tielet akkuza u minflok tilliberaha minnha u tikkonfermaha fir-rigward tal-akkuzi li l-ewwel Qorti ma sabitx hatja ta' dawk l-akkuzi u cioe tal-ewwel, tar-raba u tas-sitt mputazzjonijiet kontra tagħha.

Peress li din il-Qorti qed timmodifika l-ewwel sentenza fejn fil-fatt ma hiex qed issibha hatja tat-tielet akkuza u allura ser tkun temperament fil-piena ukoll.

Din il-Qorti rat il-fedina penali tal-appellanti esebita fl-atti u minn ezami ta l-istess jirrizulta li ghandha biss *conviction* wahda registrata fuq il-fedina penali taghha registrata fis-sena 1976 meta kienet instabet hatja ta' kontravenzjoni ta' portata *de minimis* u kkundananta thallas ammenda ta' €10.00.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qed tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx htija fir-rigward ta' tal-ewwel, tar-raba u tas-sitt imputazzjonijiet u lliberatha

minnhom, qed tikkonfermha fejn l-ewwel Qorti sabitha hatja tat-tieni u tal-hames akkuza u tirrevokha fir-rigward tat-tielet akkuza minn liema akkuza tilliberaha. Bhala piena fir-rigward ta' htija ghat-tieni u hames akkuza din il-Qorti qed thassar u tikkancella l-piena moghtija mill-ewwel Qorti u sejra tikkunsidra lill-appellanti bhala *a first time offender* u tikkundannahha thallas multa ta' mija u hamsin euro ( €150)

Dr Consuelo Scerri Herrera

Onor. Imhallef